# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 238/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Eucharista Refalo**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Eucharista Refalo, detentriċi tal-karta tal-identita' Għawdxija bin-numru 62153G quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar il-5 ta' Ġunju 2016 u fil-ġimgħat ta' qabel għall-ħabta ta' bejn il-17.25 hrs sa 21.30 hrs fix-Xagħra, Għawdex kif ukoll f'inħawi oħra f'Għawdex:

1) Ġabet ruħha b'mod li tat fastidju lil John Baptist Hector Charles Grima u martu Jeannette Grima kif ukoll lil David Xerri

u dan bi ksur tal-artikolu 251A(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2) U aktar talli fil-5 ta' Ġunju, 2016 insulentat, ingurjat jew heddet bi kliem lil John Baptist Hector Charles Grima u martu Jeannette Grima.

3) Kif ukoll talli fis-26 u 27 ta' Mejju, 2016 ingurjat jew heddet bi kliem lil PC951 David Xerri persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz jew bil-ħsieb li tbezza jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz. U dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

4) Kif ukoll talli fis-26 u s-27 ta' Mejju, 2016 bil ħsieb li ttellef jew tnaqqas il-ġieħ ta' xi persuna/i, weġgħet bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor, u li dawn ġew mxandrin jew esposti fil-pubbliku. Dan bi ksur tal-artikolu 252(1) u (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

5) Kif ukoll talli fis-26 u s-27 ta' Mejju, 2016 kif ukoll fil-5 ta' Ġunju, 2016 permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, heddet li ser tagħmel reat, kif ukoll għamlet użu ieħor mhux xieraq bih. Dan bi ksur tal-artikolu 49(a) u (c) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tagħti l-piena stabbilita tapplika l-art. 383 u l-art. 412C tal-Kap 9 għall-ħarsien ta' John Baptist Hector Charles Grima u martu Jeanette Grima;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-16 ta' Mejju, 2018, li biha filwaqt illi lliberat lill-imputata mir-raba' (4) imputazzjoni peress illi ma kienitx tirrizulta, sabitha ħatja tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet u dan fil-konfront biss ta' Jeanette Grima, kif

ukoll sabitha ħatja tat-tielet (3) u tal-ħames (5) imputazzjonijiet u kkundannatha multa komplessiva ta' ħamest elef ewro (€5000). Inoltre fit-termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lill-imputata thallas lir-Reġistratur tal-Qorti is-somma ta' ħames mija u disgħa u ħamsin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€559.24) bħala spejjeż peritali u fit-termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9, rabtet lill-imputata b' garanzija personali fil-konfront ta' Jeanette Grima taħt penali ta' elfejn Ewro (€2000) għal żmien sena;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Eucharista Refalo, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2018, permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti, **tħassar u tirrevoka** is-sentenza appellata u minflok tilliberha minn kull imputazzjoni u ħtija, u sussidjarjament, f'każ li jidhrilha li tissussisti xi ħtija fir-rigward ta' xi waħda jew aktar mill-akkużi, **tirriduċi** kemm il-piena skont kif applikabbli għal dawk l-akkużi li eventwalment tista' tinstab ħtija dwarhom, kif ukoll is-sehem pro rata mill-ispejjeż tal-perizja;

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi b'mod preliminari u qabel kull konsiderazzjoni ohra, l-Qorti jidrilha li ghandha taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Fl-ewwel lok, l-appellanta qed titlob it-thassir u r-revoka tas-

sentenza appellata. Dan ifisser li qed titlob it-thassir tas-sentenza ukol kull fejn instabet mhux hatja igifieri kwantu l-ewwel u t-tieni imputazzjoni fil-konfront ta' John Grima u kwantu r-raba'imputazzjoni. Issa, mill-istesura tar-rikors promutur, ma jidhirx li din kienet l-intenzjoni tal-appellanta u ghalhekk qed ikun applikat l-artikolu 143(4) tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta rez applikabbli bis-sahha tal-artikolu 520 (1)(c) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li f'rikors ghat-thassir ta' sentenza talba ghal thassir ghandha titqies li tinkludi talba ghal annullament u tibdil tas-sentenza. Ghalhekk qed jitqies li l-appellanta qed titlob it-tibdil tas-sentenza u konsegwentement il-konferma taghha kull fejn kienet lliberata;

2. Illi fit-tieni lok, l-Qorti tosserva illi l-ewwel Qorti ghazlet illi tahtar perit legali biex tifissa seduta u tirrelata lill-Qorti u dan f'materja li ma kienet tehtieg ebda teknika ghar-rizoluzzjoni taghha. Din il-Qorti tifhem u tissimpatizza mal-ewwel Qorti ghal dak li hu volum ta' xoghol li jaghaddi minn taht idejha u li ghalhekk ikollha tirrikorri ghal dawn il-mizuri, pero' l-hatra ta' periti ghandha dejjem issir fi hdan dak li tippermetti l-ligi, igifieri kull fejn hemm htiega ta' opinjoni teknika. Huwa mportanti hafna li jinzamm fil-mira l-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali u dan ghal diversi ragunijiet fosthom illi wiehed mill-elementi indispensabbli tal-gudizzju hu x-xhieda jehtieg li jixhed *viva voce* quddiem il-Qorti li finalment hi mitluba li tiddeciedi fuq dak li semghet li wisq drabi igib mieghu ezercizzju li trid tizen bejn dak li jkun intqal mix-xhieda dipendenti, tant drabi, izda, mhux esklussivament, mill-komportament u l-animu taghhom;

3. Din il-Qorti, gia kellha l-okkazzjoni tippronunzja ruhha fuq kwistjoni konsimili fis-sentenza taghha Il-Pulizija vs Mary Rose Vella et tal-24 ta' Mejju, 2019 (App Krim 507/2017). Dik

il-parti dispositTiva tas-sentenza qed tkun hawn riprodotta:

> *Huwa minnu, kif josservaw l-appellanti, illi l-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi bhala regola x-xhieda ghandhom dejjem ikunu ezaminati fil-qorti u viva voce. Minnu ukoll illi l-artikolu 650 tal-istess Kodici jobbliga lill-Qorti lil tordna perizja fil-kazijiet kollha li fihom tkun tinhtieg hila jew sengha specjali ghall-ezami tal-persuna. Fil-kaz odjern ma kien hemm ebda indikazzjoni ta' htiega ta' hila jew sengha specjali tant li kien mahtur avukat biex jisma ix-xhieda u jigbor dokumenti dwar kwistjoni ta' nuqqas ta' hlas a' salarju, hlas ta' vaganzi pubblici u hwejjeg simili. Madandakollu, l-appellanti qatt ma oggezzjonaw ghall-din il-procedura anke jekk mhux daqstant sollecitata mill-ligi u ma jistghux issa, ghaliex il-kawza kienet deciza sfavorevolment, jillanjaw is-sentenza b'aggravju bhal dan;*

4. L-appellanti fil-kaz odjern ma ssollevat ebda aggravju in rigward, izda din il-Qorti thoss li huwa doveruz fuqha li tissenjala dan il-punt ghall-korrettezza fil-procedimenti f'kawzi konsimili fejn *strictu sensu* ma hemmx htiega ghal nomina ta' peritit li incidentalment igib mieghu ukoll kwistjoni ta' rimbors ta' spejjez fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali kif ser ikun konsiderat aktar 'l quddiem;

5. Ventilat dan, jokkorri issa ezami tal-gravami mressqa mill-appellanta bl-ewwel wiehed indirettament marbut ma' dak appena osservat dwar il-perizja legali. Ghalkemm l-appellanta tghid illi "*l-aggravju huwa wiehed car manifest u jikkonsisti f'diversi punti*" fil-fatt tressaq diversi lanjanzi u dawn qed jitqiesu bhala aggravji separati;

6. FL-ewwel aggravju taghha, l-appellanti b'mod generali dwar l-imputazzjonijiet kollha tghid illi "*bir-rispett kollu dovut, l-Ewwel Onorabbli Qorti abdikat mid-dmir taghha li tezamina sewwa d-difiza mqajma mil-esponenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha meta ttraskurat u injorat ghal kollox dik in-0nota, u minghajr ma wettqet ezami tal-punti u argumenti sollevati f'dik in-nota sabiex tkun f'qaghda li tiggudika jekk dawk l-argumenti kellhomx bazi soda jew le. / L-esponenti hija konvinta li dan l-ezsami kellu jwassal sabiex hija tigi liberata mil-akkuzi kollha dedotti kontra taghha. Bhala konsegwenza tar-ragunament lakoniku tal-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponenti tinsb f'posizzjoni fejn il-kritika taghha ghandha necessarjament tigi indirizzata kontra r-rapport tal-perit legali, pjuttost milli kontra sentenza tal-Qorti vera u proprja, proprju ghaliex il-Qorti llimitat tuhha sabiex taghmel taghha r-rapport tal-perit legali. Huwa ghalhekk, u ghalhekk biss, li l-corpus ta' dan l-appell sejer in effetti jkun ripetizzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet pprezentata quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti*";

7. Illi dan muhiex prettament aggravju u ma jidhirx illi l-appellanta qed titlob xi rimedju ghal dak minnha allegat, igifieri li l-ewwel Qorti abdikat mid-doveri taghha. Minkejja hekk, l-atti processwali juru illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ddikjarat illi "'Rat id-dokumenti esibiti u l-atti proċesswali kollha'. Dan necessarjament ghandu jinkludi n-Nota tal-Osservazzjonijiet mhejjija mid-difiza. Ir-ragunament tal-imputata li kieku l-ewwel Qorti qrat in nota ta' sottomissjonijiet kienet tkun lliberata muhiex wiehed sostenibbli. Fi kliem iehor, l-appellanta tghid illi ghaliex ma kienitx lliberata allura ifisser bilfors illi l-Qorti tal-Maġistrati ma qratx in-Nota. Kif inghad *supra* dan muhiex proprjament aggravju izda l-Qorti xorta wahda esplorat jekk potenzjalment hemmx lok ta' decizzjoni in rigward u mill-atti ma hemm xejn li jindika li setghet kien hemm xi forma ta' nuqqas

fil-proceduri ghajr dak osservat *marte proprio* dwar l-ghazla li jkun nominat perit legali fi kwisjtoni fejn ma hemmx htiega teknika;

8. Ikkunsidrat inoltre, illi l-appell odjern jista' jitqies li huwa wiehed dwar l-apprezzament tal-provi estiz fuq l-imputazzjonijiet li dwarhom instabet htija. Kull lanjanza ser tkun ezaminata *seriatim* izda kif kostantement deciz kwantu lanjanzi ta' din in-natura, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni eżerċitata mill-ewwel Qorti sakemm dik il-Qorti tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u loġikament u u tat deċiżjoni li hija *safe and satisfactory.* Sabiex tasal ghal hekk jehtieg li din il-Qorti, bhala wahda revizorja, taghmel ezami mill-gdid u approfondit tal-provi mhux bil-ghan li tiddeciedi mill-gdid dwar l-imputazzjonijiet izda bil-ghan li tara jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghal konkluzzjoni li wasslet ghalih. qrat bir-reqqa l-provi u rat l-atti kollha tal-proċess. Jokkorri ghalhekk *in primis* rassenja tal-fatti u l-provi mressqa;

9. In succint, il-fatti huma dwar *posts* fuq *Messanger* li l-appellanta baghtet lil-Surgent tal-Pulizija li kien qed investiga allegazjoni kontra zewgt bintha li mieghu ghandha xi dizgwid naxxenti minn inadempjenza ta' radd lura ta' ammont ta' flus mislufa lilu mill-appellanta . Is-Surgent, bintha u zewggha lkoll hasshom offizi bIl-kontenut tal-*post* u s-Surgent hassu mhedded bil-kliem uzat. Is-segwenti hija sintesti tad-deposizzjoni tal-aktar xhieda relevanti fil-kaz;

10. Jean Baptist Hector Charles Grima, li huwa pulizija, xehed illi hu u martu kienhom ilhom jircievu messaggi ta' theddid u tghajjir minghand l-imputata tant li heddidtu ukoll li

ttajjru minn fuq il-post tax-xogho. L-imputata kienet ghamlitlu rapport ta' vjolenza domestika fuq martu li hija bint l-istess appellanta. Fuq struzzjonijiet tal-Pulizija kien kiteb lill-appellanta permezz tal-avukat tiegħu sabiex iħalluh bi kwietu u kien ghamel ukoll rapporti l-ghassa. PC 951 David Xerri kien qallu biex jagħmel rapport minħabba messaġġi li kien rċieva fuq il-facebook u li kienu jinvolvu lix-xhud u lil martu. Dan sehh wara li l-gurnata ta' qabel waqt li kien first watch dahlet telefonata li l-mara ta' bin l-appellanta, li allura huwa hu l-mara tax-xhud, kienet qed tikkonsma d-droga f'lukanda vicin ta' skola u ghalhekk talab lis-Supretendent tieghu sabiex jezentah milli jkollu sehem f'dik l-investigazzjoni u kien awtorizzat li ma jippartecipax fuq dak ir-rapport. F'kaz iehor ta' rapport ta' suspett ta' *overdoze,* wara li x-xhud acceda fuq il-post ra li ma kienx il-kaz izda akkumpanja lill-persuni l-isptar u barra l-bieb kien hemm Michael Refalo filwaqt li martu kienet gewwa fl-isptar. Appena wasal id-dar, martu, allura bint l-appellanta, rcieviet messagg biex tgħid lix-xhud li lil-Michael m'għandux xi jridu u li '*Dak talli bgħattlek għad-dejn?*' Wara rcieva s-segwenti messagg riprodott kif ricevut fuq it-telefon tieghu: "John meta trid tghid sew, ejja fejni. Jien ninkelleok sewwa ax". U rreferea ukoll ghas-segwenti messagg ricevut minn martu fuq it-telefon taghha: "*Jeanette ftakar li dak hu demmek ok? Next time nigi fejn tahdem inti halli nkellmek. Ftakar li jien ommok u li bhalissa jiena marida*". Jghid illi hu u martu kellhom jibdlu x-xoghol taghhom minhabba l-agir tal-appellanta tant li martu spiccat diversi drabi l-isptar;

11. In kontro-eżami ix-xhud qal li l-appellanti qatt ma kienet insulentatu u qatt ma kien ra l-messaġġi li l-appellanti kienet bagħtet lil David Xerri. L-appellanti ma kinitx fil-messaġġ tal-5 ta' Ġunju 2016 u ma ħassx li kien hemm xi theddid meta ra l-messaġġ 'Jeanette għid lil John lil Michael m'għandux xi jridu.'

Qal li kien iħossu mhedded għax hu kien ikun fuq ix-xogħol u ma kellhiex għalfejn tibgħatlu messaġġi. Martu kienet waqfet taħdem ma' Magro ferm qabel Ġunju 2016, aktarx fis-sena 2015 u l-appellanti għalhekk kienet ilha ma ċċempel lil Jeanette Grima fuq ix-xogħol aktar minn sentejn qabel id-data tas-seduta (19 ta' Diċembru 2017). Il-messaġġi li waslu lill-mara qabel daħlet is-ccu kienu waslu qabel Ottubru 2015;

12. Jeanette Grima xehedet illi ilhom kważi ħames snin jirċievu theddid. Kellha messaġġi li kienet ser tmur tkellimha fuq ix-xogħol u li ser tifqgħalha l-bieb. Kienu bagħtu ittra bl-avukat fi Frar 2016 u imbagħad f'Ġunju reġgħu bdew ġejjin il-messaġġi. Hija saħansitra kellha tibdel ix-xogħol. In kontro-qalet li kien ferm qabel Ġunju 2016 u x-xhur ta' qabel li minn fuq facebook saret taf li ommha qed tgħid lit-tifel tagħha (in-neputi) li qed jagħmilha mal-agħar nies. L-istess jgħodd għall-allegat ċempil li kien isir. Ikkonfermat li kienet qed tmur lura għal qabel l-2016 (fol.107). Kienet mistoqsija jekk kliem bħal 'Jeannette ftakar li dak ħuk hu demmek' u 'ftakar li jien ommok marida' kienx theddid. It-tweġibiet tagħha kienu li hi kienet l-isptar u 'Iva għaliex ħlief tgħajjarni u biex inħalli lir-raġel u li ħa tiġi fuq il-post tax-xogħol ma kinitx tgħid is-soltu.' Messaġġi oħrajn ma kinitx ġabithom għax dawk saru fis-sena 2015;

13. Xehed ukoll PC 951 David Xerri dwar li kien qed jinvestiga kwistjoni li kienet tinvolvi lill Concetta Refalo, l-mara ta' ħu Jeanette Grima, u marru jagħmlu tfittxija fid-dar tagħha li rriżultat fin-negattiv. Dak in-nhar stess jew l-għada rċieva dawk il-messaġġi. Hu ħaseb li kienet qed tirreferi għal biċċa xogħol li kien għamel u ħass li kienet qed tindaħal fix-xogħol tiegħu. Huwa kien qed jirreferi għal messaġġi dwar PC 60, John Grima, u ma setax jifhem x'riedet tgħid biha li xi darba

tasal ta' kulħadd. Is-segwenti huwa l-iskambju magħmul bejn l-appellanti u x-xhud fuq il-FaceBook *Messenger* :

Ricevut minn  David Xerri 26 May, 5:27PM

"Sorry David li se nibatlek  Dan il-kliem sa fejn naf jien lilek qatt ma għamiltlek xejn għaliex jien wera ax selleft il-flus li sieħbek John  bil-miktub biex iġibhom lura u dejjem bqajt b'xejn mieghu u ghadlu li jien ettlek hekk alla ħares ma kontx jien għalihom ax lanqas kellu biex jitma lil mara u t-tifel ax jien tajjeb għalihom grazzi talli twassal dan il-kliem lil John Grima (60).

Risposta ta' David Grima:

Bongu karista, jin ma gejtx hemm b'gost u pjacir tieghu.  Dak xogholi u ma nistax naghmel mod iehor.

Ricevut:

Naf li kont xol imma (60) kemm il darba ċempillek biex jara xinu jiġri ok u (60) għidlu biex jibat ittra oħra għad Danni  nagħseb il-flus spiccawlu ghadlu li qeda għadlek ok u next time meta tkun xol il kunjata ma tiħolx fin nofs ax ta' kulħadt tasal l (60) għidlu joqgħot moħħu hemm.

Risposta:

Karista, dan it-theddid tiegħek ma naccetahx għax jin xol dejjem għamiltu mingħajr biża  jew favuri.  U jin pulizija mhux pustier jekk trid twassal xi risposta taf x għandek tagħmel.

Recevut:

Thanks alot ta kollox".

Ix-xhud ċaħad li PC 60 kien ċempillu u staqsieh x'kien qd jiġri fir-residenza waqt it-tfittxija fid-dar ta' Maria Concetta Refalo anzi PC 60 kien qallu li talab eżenzjoni (u ħadha) biex ma jkollux x'jaqsam mal-każ. Kwantu l-espressjoni 'ta' kulħadd tasal' hu fehemha li din kienet għalih għalkemm il-messaġġ kien għal PC 60;

14. Xehdet ukoll l-appellanti li qalet li r-relazzjonijiet ma' bintha Jeanette Grima ma kinux sewwa. Hija qalet li l-messaġġi tagħha tal-5 ta' Ġunju 2016 ma fihom ebda insult u kienet lesta li tiskuża ruħha jekk jaħsbu li hemm xi insult. Hija kienet talbitha l-flus kemm-il darba wara li kienet selfitha 66 elf Ewro u tatha 23,000 f'idejha bħal cash. Hawn saret referenza għall-messaġġi riportati *supra.* ' L-appellanti qalet li ma kinitx iltaqgħet mat-tifla jew mar-raġel tagħha wiċċ imb wiċċ u żiedet tgħid li qatt ma tathom fastidju. Dwar il-kuntatt ma' David Xerri hija qalet li kien beda jgħajjarha man-nies. Dwar it-tieni messaġġ hija qalet li riedet il-flus biex titħallas u ma kinitx qed theddu. Kienet marret u talbitu skuża fl-għassa. Kienet ukoll ċemplet lill-Kummissarju u qaltlu li l-kliem li indirizza lilha ma kienx kliem ta' CID.

15. In kontro-eżami l-appellanti kienet mitluba tispjega 'u next time meta tkun xogħol il-kunjata ma tidħolx fin-nofs'. Hija wieġbet 'Għax lili ma kellux x'iridni.' L-Avukat Difensur irrefera għax-xogħol li David Xerri kien qed jagħmel relatat mad-droga

mal-mara tat-tifel. (fol 99). Hija qalet li hi m'għandhiex tidħol fin-nofs imma hija ħadet għaliha bil-kelma 'wegħra' – kelma li David Xerri kien qal lil Connie Refalo, il-mara tat-tifel. U l-figura 60 ma kellhiex x'taqsam max-xogħol imma mal-flus. [Fid-dizzjunarju ta' Aquilina l-kelma 'wegħra' hija mfissra kif ġej: One who creates difficulties and obstacles]. L-appellanti qalet ukoll li l-frażi 'ta' kulħadd tasal' kienet intiża għal John u kienet tirreferi għall-flus. Qalet ukoll li kienet għamlet rapport lill-Kummissarju għaliex kien qalilha dak il-kliem li kien kliem ħażin. Mistoqsija dwar x'riedet tgħid bil-kliem 'thanks a lot' wara li kitbilha 'dan it-theddid ma naċċettahx' hi qalet li kienet skużat ruħha jekk huma jaħsbu li fihom it-theddid u l-insulti iżda għaliha dawn ma fihom xejn. Hija kienet inqdiet b'David Xerri biex iwassal il-messaġġ lil John Grima għaliex qatt ma kienu jirrisponduha. Hija kkonfermat li l-messaġġi kienu mill-Facebook Account tagħha. Hija ma kienx għaddielha min-moħħha li setgħet immalafamat lit-tifla u lil John.

Ikkonsidrat:

16. Illi jirrizulta debitat pruvat illi l-messaġġi kollha in kwistjoni ntbagħtu mill-mobile tal-appellanti lil David Xerri (tliet messaġġi fuq jumejn) u lill-koppja Grima (wieħed lil John Grima u żewġ messaġġi lil Jeanette Grima). Dan jirriżulta kemm mit-tqabbil tan-numri li tirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentanti tal-Melita, tal-Vodafone Malta Limited u tal-GO kif ukoll *ex admissis* mid-deposizzjoni tal-appellanti;

L-aggravju kwantu **l-ewwel imputazzjoni**:

17. L-appellanta tintroduci din il-lanjanza billi tghid illi l-aggravju taħt l-artikolu 222(1) la jissusisti u lanqas huwa dedott

kontra l-appellanti. Dan l-artikolu jirreferi ghal zieda fil-piena tal-artikolu 251A tal-Kodci Kriminali li jipotizza l-ewwel imputazzjoni, dik tal-fastidju. Skond l-appellanta ma jirrizultax l-aspett ripettitiv rikjest sabiex jirizulta dan ir-reat ghaliex zewġ messaġġi biss fuq perjodu ta' jumejn ma jistgħux jammontaw għal repetizzjoni b'tali mod li ddejjaq lil ħaddieħor. Tinsisti l-appellanta ukoll il-messaggi mghandhox minn natura tal-fastidju u taghmel referenza ghas-sentenza Il-Pulizija v Tivisini tas-27 ta' Frar 2009;

18. Issa, kwantu ghall-elementi tar-reat tal-fastidju ravvizat fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess sentenza citata mill-appellanta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Massimo Tivisini**. Wahda mill-konsiderazzjonijiet tal-Qorti meta trattat dwar din il-materja kienet is-segwenti: *Illi ghalkemm, kif jissotometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary – (7$^{th}$. Edit) bhlala:- Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsiderat "in isolation" b'referenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali:* ***Il-Pulizja vs Alan Caruana Carabez*** *[21.6.07] "… f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien.".*

19. Il-process in disamina juri retroxena ta' dizgwid bejn l-appellanta, bintha u r-ragel taghha li kien ilu ghaddej. Issa, ghalkemm uhud mill-messaggi ma jaghmlux parti mill-

imputazzjoni odjerna, certament li setghu jittiehdu in konisderazzjoni mill-perit legali u mill-Qorti sabiex ikun deciz jekk dawk iz-zewg messaggi kienux haga isolata jew parti minn attakk sistematiku li jivvessa u jdejjaq lill-kwerelanti.

20. Huwa tassew li Jeanette Grima xehdet li l-messaġġi li waslu minn għand l-appellanti ma niżlux tajjeb. Huwa wkoll veru li kien hemm żewġ messaġġi u mhux wieħed u għalhekk l-element tar-repitizzjoni huwa ukoll prezenti fil-kwadru tar-retroxena ghal dan kollu. Il-kliem użat oġġettivament mhux ta' fastidju jew xi theddida għal Jeanette Grima personalment imma hu kliem li fis-sitwazzjoni li kienet qed tisvolġi ruħha kien qed johloq inkonvenjent u vessament aktar u aktar meta kienet mitluba legalment sabiex ma tibqax idejjaqhom. Ghalhekk kienet legalment korretta l-ewwel Qorti meta sabet htija fl-appellanta fil-konfront ta' Jeanette Grima. Din il-Qorti ma taghmel ebda osservazzjoni dwar il-kwerelanti John Baptist Grima u David Xerri stante li l-appellanta kienet liberat fil-konfront taghhom u l-Avukat Generali ma interpona ebda appell;

**It-tieni imputazzjoni:**

21. L-ilment tal-appellanta dwar din l-imputazzjoni huwa s-segwenti: "*Din l-akkuza hija wkoll ibbazata fuq dawn iz-zewg messaggi riportati hawn fuq. Imma anki hawn, l-abbli perit legali naqset milli twettaq ezercizzju ta' valutazzjoni tal-messaggi sabiex tara jekk* ***oggettivament*** *dawn jinkludux ingurji, jew theddid. / L-esponenti ssostni li oggettivament ma hemm xejn f'dawn il-messaggi li jista' jiftiehem la bhala ingurja u wisq anqas bhala theddida. Il-fatt li omm tixtieq tkellem lil bintha ma jista' qatt jitqies li huwa theddida jew ingurja, anki jekk il-bint ma tkun trid taf bl-omm*";

22. Wara li l-ewwel abbracjat il-konsiderazzjonijiet tal-perit legali dwar din l-imputazzjoni, ghamlet taghha ukoll ir-rakkomandazzjoni ghal sejbin ta' htija limitatament fejn si tratta ta' Jeanette Grima bhala l-persuna sokkombenti ghall-ingurja. Il-perit legali kkonkludiet li ma kien ebda ngurja jew theddid fil-konfront ta' John Grima u David Xerri kif ukoll li ma kienet tirrizulta ebda ngurja mill-appellanta fil-konfront ta' Jeanette Grima izda li l-messaggi mibghuta lilha kienu jammontaw ghall-theddid. L-appellanta wissiet lill-Jeanette Grima li kienet ser tmur tfittixha fuq il-post tax-xoghol liema messagg hassitu bhala theddieda. Il-perit legali ccitat lill-gurista Antolisei fil-konkluzzjoni tieghu li *e' sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita' della persona a cui e' rivolta.* Il-messagg tal-imputata mehud fil-kuntest tal-iskonvolgiment mlissen fill-kwerelanta matul il-hames snin tal-passat fejn kienet soggetta li tibdel il-post tax-xoghol u ghal-trattament l-isptar minhabba din l-ansjeta ghandu jitqies bhala theddid u konsegwentement l-ewwel Qorti kienet legalment u ragjonevolment korretta fil-konkluzzjoni taghha;

**It-tielet imputazzjoni**:

23. Il-lanjanza tal-appellanta dwar interpretazzjoni zbaljata tal-provi testendi ukoll fuq it-tielet imputazzjoni ravvizata fl-artikolu 95(1) tal-Kap 9 igifieri dik ta' oltragg fil-konfront ta' David Xerri bhala ufficcjal tal-Pulizija. Il-gravam tal-appellanta hu li l-messagg ma kienx dirett lejn David Xerri izda kien intiz biex dan tal-ahhar jitrasmetti l-fehma taghha lil John Grima;

24. Fid-deposizzjoni tieghu, senjatament waqt il-kontro-ezami, David Xerri ma rriskontra ebda forma ta' ngurja u hassu

biss mhedded bil-kliem: "ta' kullhadd tasal". Moqri dan il-kliem fil-kuntest tal-konversazzjoni riportata *supra* fil-kunsidrazzjoni numru 13, huwa bil-wisq evidenti li din it-theddida ma saritx fil-konfront ta' David Xerri izda fil-konfront ta' John Grima li l-appellanta tiddezisti milli ssejjahlu b'ismu izda bin-numru ufficcjali tieghu, igifieri in-numru 60. Tant hu hekk illi wara l-kliem "*ax ta' kulhadt tasal*" l-messagg jispicca bil-kliem: "*l (60) ghadlu joghqot mohhu hemm*". In sostenn ta' dan l-istess messagg jitkellem dwar il-kunjata meta l-appellanta hija l-kunjata ta' John Grima u mhux ta' David Xerri. L-istess appellanta tikkonferma fil-kontro-ezami taghha li l-messagg kien ghall-John Grima u li inqdiet b'David Xerri biex twassal il-messagg ghaliex Grima kien jghid li qishom ahwa;

25. L-appellant ghandha ragun f'dan l-aggravju ghaliex din il-Qorti tqis li konkluzzjoni ta' sejbien ta' htija in rigward mhix wahda li l-ewwel Qorti setghet tasal ghaliha legalment u b'mod ragjonat ghaliex il-provi juru bic-car u minghajr ekwivoku illi l-messagg kien dirett lejn John Grima tant li David Xerri hassu bhala pustier f'din il-vicenda u ghalhekk ma kellux ghalfejn ihossu mhedded b'dak id-diskors la darba ma kienx dirett ghalih anke jekk inhu wiehed deplorabbli;

26. L-appellanta tilmenta ukoll mis-sejbien ta' htija dwar il-hames imputazzjoni, ipotizzata fl-artikolu 49(a) u (ċ) tal-Kap 399, l-Att Biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici. Il-lanjanza tal-imputata dwar din l-imputazzjoni hija s-segwenti: "*Fid-dawl tal-fatt li fl-umili fehma tal-esponenti hija la heddedt lil xi hadd li ser taghmel reat u lanqas ghamlet xi uzu mhux xieraq fis-sens imfisser magistralment minn din l-Onroabbli Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs Francine Cini" fl-24 ta'Lulju, 2017, l-akkuza bbazata fuq il-Kap 399 lanqas ma ghandha tirrizulta*";

27. Il-perit legali, u konsegwentement l-ewwel Qorti, qablet illi la darba intuza t-telefon cellulari tal-imputata biex sar it-theddid fil-konfront tal-kwerelanti allura b'mod awtomatiku ghandha tirrizulta pruvata ukoll din l-imputazzjoni. Fl-ewwel lok, ma hemmx dubju illi theddid maghmul minn fuq telefon cellulari jirrientra fil-dimesnjoni ta' dak ravvizat fl-artikolu 49 (a) u (c) tal-Kap 399. Dawn is-subartikoli jipprovdu hekk:

*Kull minn permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika:-*

*(a) Jhedded li jaghmel xi reat;*

*(c) Jaghmel uzu iehor mhux xieraq bih;*

28. Issa, gia fil-konsiderazzjonijiet taghha, din il-Qorti konkludiet illi l-ewwel Qorti korrettament kkonkludiet li l-appellanta kellha tinsab hatja ta' fastidju ex artikolu 251A tal-Kap 9 fil-konfront ta' Jeanette Grima liema fastidju sar permezz tat-telefon cellulari taghha. Dan huwa ugwalment applikabbli ghat-tieni imputazzjoni ukoll fir-rigward ta' theddid fil-konfront ta' Jeanette Grima. L-agir tal-appellanta ma jammontax ghall-theddid li ser taghmel reat skond is-subinciz (a) izda certament jekwipara ghal-uzu hazin tal-apparat fit-termini tas-subinciz (c). Ghalhekk l-appellanta ghandha ragun biss kwantu s-sejbien ta' htija fis-subinciz 49(a) izda mhux kwantu jolqot is-subinciz 49(c) tal-Kap 399;

29. Il-konvinciment ta' din il-Qorti hu radikat u msahhah minn dak ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Alfred Grech' tad-19 ta' Lulju 2013 fis-segwenti: '*Meta fil-paragrafu (ċ) jingħad 'li jagħmel użu ieħor mhux xieraq' isegwi li dik id-dispożizzjoni titratta minn għemil li*

*ma jikkonsistix neċessarjament f'theddid iżda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieor messaġġ li jaghmel ħsara, idejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant mhux għemil xieraq anki jekk għalhekk, il-messaġġi in kwistjoni ma jitqisux theddid iżda jitqiesu biss bħala messaġġi vulagari dan hu bizzejjed biex jinkwadraw f'dak li hu projbit fil-paragrafu (ċ) imsemmi inkwantu huwa messaġġ li tal-anqas idejjaq, jivvessa jew joffendi lil min jirċivieh jew effettivament idejqu. Din hija l-applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall-interpetazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi.'*

**Lanjanza dwar l-ispejjez peritali:**

30. L-appellanta tillanja ukoll dik il-parti tas-sentenza li biha kienet kkundannata ghal-hlas tal-ispejjez peritali fit-termini tal-artikolu 533. Aktar milli lanjanza, l-appellanta ressqet il-proposta li f'kaz li din il-Qorti ssib xi htija f'wahda jew aktar mill-imputazzjonjiet, ghandha tkun ordnata thallas *pro rata* l-ispejjez peritali in relazzjoni ghall-kull imputazzjoni. Frankament dan l-argument jew din il-proposta hija wahda fierha. L-Artikolu 533 jipprovdi biss ghal hlas pro rata fil-kaz ta' aktar minn imputat jew akkuzat wiehed. Hemm cirkostanzi accettati mill-Qrati taghna fejn l-ispejjez tal-esperti mhux imponibbli meta dik il-perizja ma kien ta' ebda utilita' fis-sejbien ta' htija. L-ispezzettar tal-isiza peritali in relazzjoni mal-imputazzjonijiet li dwarhom tinsab htija mhix wahda sostenibbli;

31. Dak li hu ta' relevanza ghal din il-Qorti, izda, u b'rabta ma' dak sollevat bhala l-ewwel konsiderazzjon, huwa l-fatt illi l-hatra tal-perit legali mill-ewwel Qorti ma sarx minhabba htiega ta' raguni teknika jew f'qasam li l-Qorti ma kellhiex struzzjoni fih. Dak li ghamlet il-perit legali kien fil-mansjoni mondana tal-

Qorti tal-Magistrati u ghalhekk ma ghandhiex tkun l-appellanta li thallas ghal dik l-ispiza;

**Talba dwar il-piena minghajr aggravju:**

32. Fit-talbiet taghha l-appellanta ezaltat riduzzjoni fil-piena anke jekk ma ressqet ebda gravam in rigward. Dwar dan, la darba l-Qorti mhix qed issib htija fl-imputazzjoni numru 3 li ggorr maghhla l-piena tal-multa minn tmien mitt euro sa hamest elef euro, ser tikkalibra l-piena mill-gdid skond il-piena kif vigenti fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati li taghhom instabet hatja tenut kont ukoll illi l-artikolu 251A kien jimporta piena ta'prigunerija minn sitt xhur sa tnax-il xahar jew multa sa massimu ta' ghaxart elef euro filwaqt illi bl-Att XIII tal-2018.24, l-piena hija mibdula ghal prigunerija bejn sitt xhur u sentejn jew multa minn hamest elef sa ghaxart elef euro. Ikkunsidrat ukoll illi l-piena fl-artikolu 251A mhix ser tizdied bi grad a tenur tal-proviso tal-artikolu 251A(4) stante illi l-prosekuzzjoni ma indikatx dan bhala fatt aggravanti fl-avvizo da comparire;

33. Għal dawn il-motivi, l-Qorti tiddispni minn dan l-appell billi tichad it-talba ghat-thassir tas-sentenza appellata, izda tilqa' t-talba implicita ghar-riforma tas-sentenza u konsegwentement **Tirriforma** is-sentenza appellata billi:

i. **Tikkonfermaha** f'dik il-parti li biha ma sabitx hatja u lliberat lill-appellanta mir-**raba** imputazzjoni;
ii. **Tikkonfermaha** ukoll f'dik il-parti li fiha sabet lill-appellanta hatja tal-**ewwel** u tat-**tieni** imputazzjoni fil-konfront biss ta' Jeanette Grima;
iii. **Thassaraha** kwantu l-ewwel Qorti sabet htija fit-**tielet** imputazzjoni u minflok ma ssibhiex hatja u tilliberaha minnha;

iv. **Tikkonfermaha** kwantu sabet lill-appellanta hatja tal-hames imputazzjoni taht l-artikolu 49(c) tal-Kap 399 izda **thassarha** fejn l-istess Qorti sabet htija taht is-subinciz 49(a) tal-Kap 399 u minnha tilliberaha;

v. **Thassarha** kwantu l-**piena** imposta mill-ewwel Qorti u minflok, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9 qed tqis it-tieni u l-ħames imputazzjoni assorbiti fl-ewwel imputazzjoni u tikkundannaha ghal-hlas ta' multa komplessiva ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500.00).

vi. **Thassaraha** f'dik il-parti li biha ordnat lill-appellanta thallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' ħames mija u disgħa u ħamsin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€559.24) bħala spejjeż peritali.

vii. **Tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti rabtet lill-ħatja b'garanzija personali fil-konfront ta' Jeanette Grima taħt penali ta' elfejn ewro (€2000) għal żmien sena ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9, liema zmien issa jibda jghaddi mil-lum.

(ft) Giovanni Grixti
Imhallef
(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur